Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,608, 14 ta' April, 2021
Taqsima B

A.L. 163 tal-2021

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2021 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2021 għas-Summiena)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, u b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis*, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2021 għas-Summiena).

Tifsir.

L.S. 549. 42.

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi".

Stabbiliment tal-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa.

3. Għall-finijiet tar-raba' proviso tas-subregolament (6) tar-regolament 10 tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għas-Summien għas-sena 2021, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejjaħ "l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa", għandu jkun mill-10 ta' April sat-30 ta' April, 2021, iż-żewġ dati inklużi, minn sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma għandhomx jibqgħu fis-seħħ u l-ebda attività ta' kaċċa ma tkun permessa jekk il-Ministru jordna, b'avviż fil-Gazzetta jew bi kwalunkwe avviż ieħor, li l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għandu jieqaf b'mod immedjat jew f'data stabbilita mill-Ministru.

---

* Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis dwar din id-deroga taħt l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva tal-Għasafar huma disponibbli fuq: https://mgoz.gov.mt/en/Pages/WBRU/Ornis-Commit-tee.aspx(17 ta' Marzu 2021).

Kaċċa skont il-qafas stabbilit.

L.S. 549. 57.

4. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-qafas stabbilit bir-Regolamenti dwar Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa.

Liċenzji speċjali u kwoti.

5. (1) Il-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tistabbilixxi l-kwota komplessiva għall-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa ta' elfejn u erba' mitt (2,400) Summiena bħala n-numru totali ta' għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati taħt l-awtorità tal-liċenzji kollha maħruġa meħudin flimkien.

(2) Il-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tieqaf milli jkollha effett jekk il-Ministru jordna, b'avviż fil-Gazzetta jew bi kwalunkwe avviż ieħor, li l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għandu jieqaf b'mod immedjat jew f'data speċifikata mill-Ministru.